IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.4.2017
COM(2017) 184 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa

{SWD(2017) 131 final}

Werrej

1. INTRODUZZJONI 2

2. SFOND 3

3. L-EVALWAZZJONI TAD-DIRETTIVA 4

3.1. L-ambitu tal-evalwazzjoni 4

3.2. Ir-riżultati 6

3.2.1. L-effettività u l-effiċjenza tad-Direttiva 2008/118/KE 6

3.2.2. Koerenza ta' arranġamenti tas-sisa u tad-dwana 9

3.2.3. Rilevanza 12

3.2.4. Valur miżjud tal-UE 12

4. KWISTJONIJIET LI JEĦTIĠILHOM AKTAR ATTENZJONI 13

4.1. Awtorizzazzjonijiet 13

4.2. It-trattament ta' skarsezzi, eċċessi, eċċezzjonijiet oħra u l-ġlieda kontra l-frodi 14

4.3. Proċeduri ta' koordinazzjoni bejn id-dwana u s-sisa 15

4.4. Proċeduri ta' dazju mħallas immirati lejn Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju 15

5. KONKLUŻJONIJIET U SEGWITU 16

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 45(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE[1] jipprovdi dan li ġej: "Sal-1 ta' April 2015, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva." Biex tinġabar l-evidenza għal dan ir-rapport, il-Kummissjoni talbet żewġ studji ta' evalwazzjoni esterni. L-ewwel studju ta' evalwazzjoni, dwar il-Kapitolu V tad-Direttiva (jiġifieri, ir-regoli dwar il-movimenti kummerċjali ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa li fuqhom id-dazju jkun diġà tħallas) ġie ppubblikat fl-2015[2]. It-tieni studju, li kkonċentra fuq il-Kapitoli III u IV tad-

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li tħassar id-Direttiva 92/12/KEE, ĠU L 9/12, 14.1.2009.

[2] http://bookshop.europa.eu/en/evaluation-of-current-arrangements-for-the-cross-border-movements-of-excise-goods-that-have-been-released-for-consumption-pbKP0614146/

Direttiva (jiġifieri, id-dispożizzjonijiet dwar il-maħżen tat-taxxa u s-sistema ta' kontroll elettroniku), ġie ppubblikat fl-2016[3].

Kull wieħed minn dawn l-istudji t'hawn fuq kien jikkonsisti minn stħarriġ imsejjes fuq mistoqsijiet fost l-Istati Membri u n-negozjanti li r-riżultati tagħhom tqabblu biex tiġi żgurata diskussjoni koerenti u konsistenti fid-dawl tal-kwistjonijiet involuti. Għaż-żewġ studji, saret serje ta' studji tal-każijiet li daħlu aktar fil-fond. Dawn l-istudji twettqu f'madwar terz tal-Istati Membri. L-Istati Membri magħżula jitqiesu bħala rappreżentattivi, abbażi tad-daqs tal-pajjiż, il-lok ġeografiku u jekk l-Istat Membru hux produttur jew konsumatur ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa.

Il-Kummissjoni ddeċidiet li twettaq evalwazzjoni ta' dan il-qasam regolatorju fil-qafas tal-programm REFIT tal-Kummissjoni[4]. Ir-riżultati dettaljati tal-evalwazzjoni huma deskritti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SWD (2017) 131) li jakkumpanja dan ir-rapport. Wara li teżamina l-ħames kwistjonijiet ta' evalwazzjoni prinċipali, ir-rilevanza, il-koerenza, l-effettività, l-effiċjenza u l-valur miżjud tal-UE, din l-evalwazzjoni teżamina jekk l-intervent inkorporat fid-Direttiva 2008/118/KE ssodisfax l-għanijiet intenzjonati u sa liema punt kiseb l-effetti mistennija.

Abbażi tal-evidenza miġbura permezz tal-istudji, dan ir-rapport jiġbor fil-qosor il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni. Għal informazzjoni iktar dettaljata, jekk jogħġbok ikkonsulta d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjah.

2. SFOND

Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE ħadet post id-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE[5]. Din tiddefinixxi l-arranġamenti għaż-żamma u l-moviment ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni ta' għadd żgħir ta' territorji, fejn id-dispożizzjonijiet tagħha ma japplikawx. L-għanijiet tad-Direttiva u l-mod li bih jinteraġixxu f'livelli differenti ta' politika ġew koperti fid-dijagramma tal-loġika ta' intervent hawn taħt:

[3] http://bookshop.europa.eu/en/evaluation-of-current-arrangements-for-the-holding-and-moving-of-excise-goods-under-excise-duty-suspension-pbKP0215865/

[4] Ir-REFIT huwa programm għar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni kollha tal-UE, sabiex jiġu identifikati piżijiet, inkonsistenzi, diskrepanzi jew miżuri ineffettivi u jsiru l-proposti meħtieġa bħala segwitu għal dak li joħroġ minn din ir-reviżjoni.

[5] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti, ĠU L 076, 23.3.1992

Figura 1: Il-loġika ta' intervent tad-Direttiva 2008/118/KE



3. L-EVALWAZZJONI TAD-DIRETTIVA

3.1. L-ambitu tal-evalwazzjoni

L-evalwazzjoni tkopri l-ambitu kollu tad-Direttiva, iżda tiffoka fuq il-Kapitoli III – V. Il-Kapitoli I u II ġew inklużi fl-evalwazzjoni sal-punt fejn id-dispożizzjonijiet laqtu kwistjonijiet li huma rilevanti ghall-effetti tad-dispożizzjonijiet fil-Kapitoli III – V.

Il-Kapitolu I jiddefinixxi d-dazju tas-sisa bħala taxxa fuq il-konsum u jipprovdi definizzjonijiet komuni ta' kunċetti bħal "magazzinier awtorizzat", "maħżen tat-taxxa". Definizzjonijiet komuni jiżguraw li jkun hemm fehim legali komuni ta' dawn it-termini u jipprovdu qafas ċar u konsistenti.

Il-Kapitolu II jistabbilixxi ż-żmien u l-post tal-impożizzjoni tal-ħlas, min hu responsabbli, l-effett tal-qerda u t-telf irrimedjabbli, l-irregolaritajiet, ir-rifużjonijiet u r-remissjonijiet u l-eżenzjonijiet.

Il-Kapitolu III jinkorpora l-kunċett ta' "maħżen tat-taxxa" mid-Direttiva 92/12/KEE bħala wieħed mit-tipi ta' postijiet awtorizzati fejn il-prodotti soġġetti ghad-dazju tas-sisa jistgħu jinżammu u prodotti taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa, il-faċilitazzjoni ta' kontrolli tal-produzzjoni u l-faċilitajiet ta' ħażna. Ir-regoli dettaljati ghall-awtorizzazzjoni huma deċiżi fuq livell nazzjonali, iżda s-sistema kollha kemm hi tiġi stabbilita fil-Kapitolu III tad-Direttiva. Kull maħżen tat-taxxa huwa assoċjat ma' magazzinier awtorizzat li huwa responsabbli ghall-ġestjoni tal-maħżen tat-taxxa. Il-maħżen tat-taxxa u l-magazzinier awtorizzat jirċievu numru tas-sisa uniku kull wieħed[6].

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 612/2013 jistipulaw il-bażi ġuridika ghall-iskambju ta' dejta bejn l-Istati Membri li

Id-dejta pprovduta permezz tas-sistema SEED (System for Exchange of Excise Data) tippermetti validazzjoni ta' jekk teżistix awtorizzazzjoni għan-numru tas-sisa; u jekk iva, tiddikjara liema prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa jkunu awtorizzati li jiġu mmaniġġjati min-negozjant jew f'maħżen tat-taxxa. Kemm il-konsenjatur kif ukoll il-konsenjatarju huma reġistrati fil-bażi tad-dejta tas-SEED mill-amministrazzjoni tal-Istat Membru rispettiv tagħhom.

Il-Kapitolu IV jinkludi bidla kbira introdotta bid-Direttiva 2008/118/KE: l-awtomatizzazzjoni tas-sorveljanza tal-movimenti taħt is-sospensjoni tad-dazju tas-sisa permezz tas-sistema kompjuterizzata tal-movimenti u tal-kontrolli intrakomunitarji ta' prodotti soġġetti għas-sisa (EMCS). L-EMCS ġiet żviluppata u titħaddem b'mod konġunt bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali u mill-Kummissjoni, b'din tal-aħħar ikollha rwol ċentrali fil-koordinazzjoni. L-EMCS tipprovdi monitoraġġ f'ħin reali ta' movimenti ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa bejn postijiet awtorizzati u reġistrati, u tiżgura li l-prodotti jistgħu jintbagħtu biss lil dawn il-postijiet. Il-Kapitolu IV żied ukoll tip ġdid ta' negozjant assoċjat ma' post partikolari, "konsenjatarju reġistrat", li jista' jirċievi prodotti taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa iżda ma jistax iżommhom. Il-Kapitolu jiddefinixxi wkoll tip ġdid ta' negozjant, il-kunsenjatur reġistrat, li jista' jittrasporta prodotti taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa mill-post tal-importazzjoni.

Il-Kapitolu V tad-Direttiva (l-Artikoli 33-38)[7] jistabbilixxi regoli komuni għal żewġ tipi ta' movimenti kummerċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa li fuqhom ikun tħallas diġà d-dazju (jiġifieri, rilaxxati għall-konsum): kunsinni bejn in-negozjanti (B2B) u l-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa lil individwu privat fi Stat Membru ieħor (B2C). Dawn l-arranġamenti huma ta' interess partikolari għall-SMEs li ma jistgħux ilaħħqu mal-ħtiġijiet finanzjarji tal-awtorizzazzjonijiet ta' maħżen tat-taxxa u t-tħaddim tal-EMCS.

L-Artikoli 33 u 34 tad-Direttiva jistabbilixxu r-rekwiżiti għal movimenti bejn in-negozjanti (B2B), u jistipulaw li hemm bżonn li jiġu koperti b'dokument ta' akkumpanjament simplifikat (SAAD) li d-dettalji tiegħu huma stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 3649/92.

Meta l-prodotti jkunu ġew rilaxxati għall-konsum fi Stat Membru wieħed u mbagħad jiġu trasferiti lejn Stat Membru ieħor, dan id-dazju tas-sisa jitħallas fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, bir-rata imposta minn dak l-Istat Membru, u jekk ikun rilevanti, in-negozjant jista' mbagħad japplika għal rimborż tat-taxxa tas-sisa diġà mħallsa hekk kif jiġu rilaxxati għall-konsum.

---

jikkonċerna l-awtorizzazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-operaturi ekonomiċi u l-awtorizzazzjoni tal-imħażen tat-taxxa

[7] L-Artikolu 32 tal-Kapitolu V jirregola l-arranġamenti għax-xiri tal-alkoħol, it-tabakk u ż-żjut minerali minn vjaġġaturi li jivvjaġġaw minn Stat Membru għal ieħor. Dawn l-arranġamenti ħadu post id-dispożizzjonijiet tranżitorji għall-allowances mingħajr dazju għall-ivvjaġġar fi ħdan l-Unjoni fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 92/12/KEE, li skadiet fl-1999. Bejn l-1999 u l-2008 ma kienx hemm livelli ta' gwida għall-Unjoni kollha. Dawn l-arranġamenti ma kinux inklużi fl-ambitu tal-istudji ta' evalwazzjoni.

3.2. Ir-riżultati

3.2.1. L-effettività u l-effiċjenza tad-Direttiva 2008/118/KE

Movimenti bid-dazju sospsiż

L-EMCS tissostitwixxi s-sistema bbażata fuq il-karti b'sistema ta' superviżjoni mingħajr karti (elettronika), u b'hekk jitneħħew l-ostakli amministrattivi għall-moviment ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa bejn il-fruntieri billi jitnaqqsu l-ispejjeż kemm għan-negozjanti kif ukoll għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa, filwaqt li jingħataw għodod aħjar għas-sejbien u l-prevenzjoni tal-frodi fiskali. Sa mill-introduzzjoni tagħha bejn Jannar 2010 u Mejju 2015, ġew irreġistrati aktar minn 13,6-il miljun moviment taħt is-sospensjoni tad-dazju, li minnhom 98,1 % saru mingħajr inċidenti jew ħtieġa ta' aktar interventi manwali.

L-Istati Membri huma konvinti li l-EMCS naqqset l-ispejjeż billi naqqset l-ammont ta' żmien meħtieġ biex jiġu amministrati d-dokumenti, kif jidher hawn isfel fit-Tabella 1.

Tabella 1: Żmien biex jiġi pproċessat moviment tipiku (sistema bbażata fuq il-karti) u wara l-introduzzjoni tal-EMCS (is-sistema kompjuterizzata) matul l-2014[8]

L-Istat Membru	Il-ħin għal kull moviment (proċedura bbażata fuq il-karti)	Iż-żmien għal kull moviment (EMCS)
BG	M'hemmx dejta	5 min.
CZ	30 min.	10 min.
FI	6 min.	0[9]
HU	120 min	6 min.
LT	30 min.	9 minuti (0.15 siegħa)
LV	20 min.	M'hemmx dejta
PL	3-5 sigħat (għall-alkoħol); 0.5 siegħa (għal prodotti oħrajn)	3-5 sigħat (għall-alkoħol); 0.25 siegħa (għal prodotti oħrajn)
RO	M'hemmx dejta	0
SI	3 min.	1 min.
SK	60 min	10 min.

Sors: Duty suspension evaluation 2015, Ramboll

Bħala riżultat ta' tnaqqis tal-ħin meħtieġ biex tiġi pproċessata l-informazzjoni dwar il-moviment, l-EMCS naqqas l-ispejjeż amministrattivi kumplessivi għal ħafna Stati Membri[10].

[8] Bl-eċċezzjoni tal-Finlandja, l-ebda mill-Istati Membri minn qabel it-tkabbir tal-2004 ma kien kapaċi jipprovdi dejta ta' tqabbil. L-Istati Membri l-ġodda stabbilew sistema bbażata fuq il-karti fis-snin immedjatament qabel l-2004 u għalhekk għandhom stimi relattivament riċenti disponibbli. M'hemm l-ebda raġuni biex wieħed jassumi li r-riżultati jistgħu jkunu ferm differenti fl-Istati Membri ta' qabel l-2004

[9] 0 hawnhekk ifisser li l-proċess normalment jintemm awtomatikament.

[10] Ġie rrappurtat li l-medja ta' ħin iffrankat f'sigħat għal kull moviment hija 35 minuta (0.59 siegħa). Fl-2014 biss, huwa stmat li l-EMCS iffrankat aktar minn 1 267 026 siegħa (li jsarrfu f'madwar 720 individwu fuq xogħol full time, jekk wieħed iqis 8 sigħat għal kull ġurnata ta' xogħol u 220 ġurnata ta' xogħol fis-sena) għal dawk l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri li rrapurtaw bidla pożittiva.

L-estrapolazzjoni mid-dejta miġbura u l-applikazzjoni tal-Kost Standard tal-UE, fl-2014 biss, l-EMCS irriżultat fi ffrankar annwali ta' bejn EUR 27,5 miljun u EUR 37 miljun (skont il-profili tal-impjieg tal-persuni involuti).[11] Xi Stati Membri rrappurtaw ukoll li l-eliminazzjoni tal-karti u ż-żieda assoċjata fl-effiċjenza lliberaw ir-riżorsi sabiex jikkonċentraw fuq il-movimenti ta' riskju għoli, u jittejjeb il-kontroll tal-movimenti.

Il-benefiċċji ewlenin għan-negozjanti huma tnaqqis fil-ħin meħtieġ biex jipproċessaw dokumenti tas-sisa, il-kapaċità li jiġu segwiti l-movimenti (kemm għall-konsenjatur kif ukoll għall-konsenjatarju), u t-tħaffif tal-awditjar u l-kontroll permezz ta' dokumentazzjoni tal-moviment aktar effiċjenti u ta' kwalità ogħla. L-istudju ma kkwantifikax dawn il-benefiċċji.

Kemm in-negozji l-kbar u kif ukoll in-negozji ż-żgħar jibbenefikaw mill-EMCS, għalkemm għan-negozji l-kbar, l-ekonomiji ta' skala assoċjati mas-sistema elettronika kienu aktar vantaġġjużi. In-negozjanti kellhom opinjonijiet differenti dwar jekk l-EMCS naqqsitx l-ispejjeż (41 %), żiditx l-ispejjeż (30 %), ma għamlet l-ebda differenza (18 %), jew inkella li ma jafux (11 %). Dawn ir-riżultati huma simili ħafna għar-riżultati ta' stħarriġ preċedenti tan-negozjanti rrappurtat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-2013,[12] u jistgħu jindikaw li l-operaturi l-kbar ibbenefikaw aktar mill-awtomatizzazzjoni .

Figura 2: L-impatt tal-ispiża tal-EMCS meta mqabbla ma' arranġamenti preċedenti bbażati fuq il-karta (L-għadd ta' rispondenti = 228)



Sors: Duty suspension evaluation 2015, Ramboll

Movimenti minn negozju għal negozju ta' prodotti li fuqhom tħallas id-dazju

[11] Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok ara: "Evaluation of current arrangements for the holding and moving of excise goods under excise duty suspension" pp 53-117, jew id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni ta' akkumpanjament

[12] COM(2013) 850 u SWD (2013) 490

Għall-kuntrarju, l-evidenza tissuġġerixxi li l-arranġamenti attwali tad-"dazju mħallas" tal-Kapitolu V jimponu piż sostanzjali fuq in-negozji u mhumiex kumpatibbli mal-għan li jiġi mħeġġeġ il-moviment liberu tal-prodotti fi ħdan is-suq uniku, minħabba l-użu kontinwu ta' proċeduri bbażati fuq il-karti, u l-varjazzjoni fl-approċċi meħuda mill-Istati Membri[13]. In-negozjanti li jużaw l-arranġamenti tad-dazju mħallas irrappurtaw ħin medju ta' 221 minuta għal kull moviment meħud mill-formalitajiet ta' konformità[14]

Fl-istudju dwar l-arranġamenti tad-"dazju mħallas", l-amministrazzjonijiet intalbu jidentifikaw l-aktar aspetti li fuqhom jaħlu riżorsi tal-amministrazzjoni tal-movimenti tal-prodotti bid-dazju mħallas. 10 minn 12-il amministrazzjoni tal-Istati Membri qiesu s-sistema bbażata fuq il-karti bħala ta' piż akbar u ttellef il-ħin mill-proċessi awtomatiċi jew elettroniċi, it-tnejn l-oħra ma esprimewx opinjoni. Tliet Stati Membri setgħu jipprovdu xi stimi approssimattivi dwar il-ħin medju meħtieġ biex jittrattaw moviment wieħed minn negozju għal negozju (B2B). Il-ħin ta' pproċessar medju varja bejn 4 u 8 sigħat skont in-natura tal-kunsinna. Dan jikkompara ma' medja ta' ftit minuti għall-amministrazzjoni ta' xi moviment permezz tal-EMCS.

Problemi prattiċi oħra li ġew irrapportati kienu l-varjazzjonijiet bejn ir-rekwiżiti nazzjonali (eż. ir-rekwiżiti ta' dokumenti għar-rimborż) kif ukoll nuqqas ta' informazzjoni ċara dwar il-proċeduri nazzjonali li jwasslu għal sitwazzjonijiet diskriminatorji għan-negozji.

Ħafna aktar minn nofs in-negozjanti B2B mistħarrġa kienu għażlu li ma jċaqalqux il-prodotti tagħhom bejn l-Istati Membri minħabba l-arranġamenti attwali. Ir-raġunijiet ewlenin li ssemmew kienu l-piż amministrattiv kbir u l-ispejjeż assoċjati (36 negozjant minn 44 li wieġbu) u rekwiżiti mhux ċari li jwasslu għal inċertezza legali (21 negozjant minn 44). Il-maġġoranza tan-negozjanti qiesu li l-arranġamenti tad-dazju mħallas għall-B2B huma ta' piż akbar milli l-użu tal-EMCS.

Id-dazju mħallas fuq bejgħ li jsir mill-bogħod (negozju għall-konsumatur)

Għall-bejgħ mill-bogħod in-negozjanti jirrapurtaw li l-ispejjeż assoċjati mal-użu ta' rappreżentant fiskali, rikjest mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, huma ostaklu sinifikanti għall-aċċess għas-suq. Il-ħlasijiet iċċarġjati għal tali servizzi ta' rappreżentanza fiskali tista' f'xi każijiet teċċedi l-miżati ċċarġjati minn servizzi postali u tal-courier għall-approvazzjoni doganali ta' pakketti minn pajjiżi terzi. Għadd ta' negozjanti rrappurtaw li f'xi każijiet dan kien aktar faċili li jbigħu prodotti lil pajjiżi terzi milli jbigħu mill-bogħod lil konsumaturi fi Stati Membri oħrajn.

Huwa kważi impossibbli li l-alkoħol jinbiegħ mill-bogħod f'xi Stati Membri bi prezz raġonevoli, paragunabbli ma' bejgħ mill-bogħod ta' prodotti oħra. Is-servizzi ta' rappreżentant fiskali kienu ġeneralment offruti biss minn kumpaniji kbar tat-tbaħħir bil-kontejners li ma kinux attrezzati tajjeb biex jittrattaw il-kunsinni ż-żgħar (tipikament 6 ifliexken jew 12-il flixkun), u kienu jew jirrifjutaw li joffru servizz, jew li jiċċarġjaw ħlas għoli mhux vijabbli, kif indikat hawn taħt fit-Tabella 2.

[13] Ara l-punt 4.4

[14] Sors: it-Tabella 19, Duty suspension evaluation 2015, Ramboll. Il-maġġoranza tan-negozajnti rrappurtaw li l-formalitajiet meħtieġa jeħdulhom inqas minn (1) siegħa għal kull moviment. Madankollu, id-dejta turi għadd ta' ċifri għoljin ħafna għall-ħin, probabbilment ikkawżat minn nuqqas ta' proċeduri komuni.

Tabella 2: L-ispejjeż ta' rappreżentanti fiskali għall-bejgħ mill-bogħod

Pajjiż tad-dispaċċ — pajjiż tad-destinazzjoni	L-ispiża medja rappurtata ta' rappreżentant fiskali (minbarra d-dazji u l-ispejjeż tal-inbid, ħlief fejn indikat)
FR għal NL	EUR 30–100 għal kull dikjarazzjoni, minbarra t-trasport
FR għal BE	EUR 20-40 kull kunsinna (is-servizz tal-kumpanija u t-trasport inklużi; minimu 12-il flixkun)
FR għal BE	EUR 40-70 għal kull kunsinna
FR għal UK	EUR 60 għal kull kunsinna (għal ordni ta' 112-il flixkun)
BE għal UK	GBP 100 għal kull dikjarazzjoni (minbarra t-trasport)

Sors: Duty suspension evaluation 2015, Ramboll

3.2.2. Koerenza ta' arrangamenti tas-sisa u tad-dwana

B'terz tal-valur tal-prodotti kollha bid-dazju tas-sisa manifatturati fl-Unjoni Ewropea huma esportati[15]. Madankollu, l-esportazzjoni indiretta ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa tiffaċċja għadd ta' problemi tekniċi u legali.

L-evalwazzjoni eżaminat il-koerenza tal-arrangamenti attwali dwar il-moviment ta' prodotti taħt is-sospensjoni tad-dazju tas-sisa ma' arrangamenti doganali ta' esportazzjoni korrispondenti. Jista' jiġi konkluż li hemm lok fejn l-armonizzazzjoni tal-proċeduri tista' tiġi ottimizzata. B'mod ġenerali, kemm l-awtoritajiet tal-Istati Membri kif ukoll in-negozjanti qablu li hemm problemi marbuta mal-esportazzjoni ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa. Il-proċeduri għall-importazzjoni ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa kienu wkoll ta' tħassib għall-Istati Membri, iżda ntwera li joħolqu anqas kwistjonijiet prattiċi għan-negozjanti. Minkejja dan kemm n-negozjanti kif ukoll l-awtoritajiet tal-Istati Membri saħqu li l-introduzzjoni tal-EMCS iffaċilitat il-koordinazzjoni bejn il-proċeduri doganali u tas-sisa. Meta mqabbla mas-sistemi preċedenti ta' sistemi bbażati fuq il-karti, l-EMCS turi titjib fil-koordinazzjoni.

Esportazzjoni:[16] L-awtoritajiet tal-Istati Membri u n-negozjanti jirrikonoxxu n-nuqqas ta' koerenza bejn il-proċeduri tas-sisa u dawk tal-esportazzjoni bħala problematiku. 22 minn 27 Stat Membru (80 %) huma tal-fehma li l-arrangamenti attwali għall-moviment

[15] L-istima ta' hawn fuq hija bbażata fuq l-istatistika tal-Eurostat dwar l-esportazzjoni ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa. L-istatistika ma tagħmilx distinzjoni bejn sorsi diretti (li jinvolvu biss pajjiż wieħed) u esportazzjoni indiretta (fejn il-prodotti jivvjaġġaw fuq it-territorju ta' iktar minn Stat Membru wieħed qabel ma joħorġu mit-territorju tal-Unjoni). Id-Direttiva hija prinċipalment ikkonċernata mis-superviżjoni tal-esportazzjoni li tinvolvi aktar minn Stat Membru wieħed. Għall-esportazzjoni diretta l-arrangamenti dettaljati huma kwistjoni nazzjonali u l-użu tal-EMCS u l-ECS mhux obbligatorju. Minħabba li m'hemm l-ebda konsinnatarju tal-Unjoni, l-esportazzjoni indiretta tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa li jiċċirkolaw skont l-arrangamenti ta' dazju mħallas stabbiliti fil-Kapitolu V mhix stipulata.

[16] Għal aktar dettalji dwar kif suppost l-EMCS u s-Sistema ta' Kontroll tal-Esportazzjoni huma mistennija li jikkoordinaw, jekk jogħġbok ara: "Evaluation of current arrangements for the holding and moving of excise goods under excise duty suspension" pp 116-117

ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa taħt is-sospensjoni tad-dazju tas-sisa ma kinux koerenti mal-arranġamenti, l-obbligi u l-proċeduri applikabbli għall-operazzjonijiet doganali u l-esportazzjoni. L-ewwel nett, il-movimenti ta' esportazzjoni għandhom jingħalqu f'EMCS abbażi ta' messaġġ elettroniku ta' ħruġ mis-Sistema ta' Kontroll tal-Esportazzjoni tad-dwana (imqassra ECS). Ta' spiss, id-dwana ma tirċevix dan il-messaġġ u l-movimenti jkollhom jiġu eżaminati u magħluqa b'mod manwali. It-tieni nett, anki jekk il-messaġġ jasal, xi esportaturi ma jipprovdux referenza fid-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni lill-Kodiċi ta' Referenza Amministrattiv (ARC) tal-e-AD korrispondenti u għalhekk ikun diffiċli jew impossibbli biex is-sistema tapplika l-ħruġ ta' riżultati korretti tal-e-AD. Dawn id-dgħufijiet jissarrfu f'żieda fl-ispejjeż amministrattivi. Għaldaqstant il-vantaġġi tal-awtomatizzazzjoni tal-proċess jintilfu minħabba li l-movimenti jridu jingħalqu manwalment billi jitqabblu r-riżultati tal-ħruġ mill-ECS mal-e-ADs mill-EMCS. Fejn m'hemmx qbil, il-konsenjatur għandu jintalab jipprovdi prova alternattiva tal-ħruġ, jew jirriskja li jitlef il-garanzija tal-moviment. Fl-2014, Franza rrappurtat li kellha tagħlaq 12 000 moviment ta' esportazzjoni b'mod manwali. 41 % tan-negozjanti jirrikonoxxu n-nuqqas ta' koerenza bejn il-proċeduri tas-sisa u dawk tal-esportazzjoni bħala problematiku. Dawk li wieġbu ddikjaraw li ma kinux issodisfati bil-koordinazzjoni bejn il-proċeduri doganali u dawk tas-sisa.

Figura 3: Kwistjonijiet prinċipali dwar il-koordinazzjoni bejn il-proċeduri doganali u tas-sisa għall-esportazzjoni (L-għadd ta' rispondenti = 64)



Sors: Duty suspension evaluation 2015, Ramboll

L-importazzjoni: L-importazzjoni għall-finijiet tas-sisa sseħħ meta l-prodotti li jkunu daħlu fl-Unjoni Ewropea minn pajjiż terz ma jitqegħdux taħt proċedura doganali speċjali jew tranżitu estern, jew jiġu rilaxxati mis-sorveljanza doganali. Dan jinvolvi l-ħlas ta' dazju doganali, kif ukoll il-ħlas tad-dazju tas-sisa u l-VAT, ħlief meta l-prodotti jitqegħdu minnufih taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju tas-sisa (jinżammu f'maħżen tat-taxxa jew jiġu rritornati mill-ġdid mill-post tal-importazzjoni taħt is-sospensjoni tad-dazju tas-sisa). Jekk il-konsenjatarju finali jinsab fi Stat Membru ieħor, il-moviment taħt is-sospensjoni tad-dazju tas-sisa għandu jseħħ taħt is-superviżjoni tal-EMCS.

In-negozjanti esprimew inqas tħassib dwar l-arranġamenti għall-importazzjoni, bi 17 % juru xi tħassib, l-aktar minħabba l-varjazzjonijiet nazzjonali fir-rekwiżiti ta' rappurtar li jikkawżaw żieda fl-ispejjeż. Min-naħa l-oħra, 19 minn 27 Stat Membru esprimew tħassib dwar in-nuqqas ta' koerenza bejn il-proċeduri tal-importazzjoni u t-trasferiment għall-EMCS filwaqt li indikaw li aktar armonizzazzjoni tal-proċeduri tista' tgħin biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u l-ispejjeż tal-konformità.

Tranżitu doganali wara l-esportazzjoni[17]

Xi operaturi jippreferu jevitaw li jkollhom proċeduri doganali u tas-sisa għall-esportazzjonijiet indiretti li jkunu għaddejjin b'mod parallel bl-użu tal-proċeduri ta' tranżitu biex jeħdulhom posthom qabel ma l-prodotti jitilqu. F'każ bħal dan, il-proċedura ta' esportazzjoni tingħalaq bil-proċedura ta' tranżitu, li tibda fl-Uffiċċju tal-Ħruġ[18] li jieħu r-rwol ukoll ta' Uffiċċju tat-Tluq tat-Tranżitu li ma jinsabx fil-post fiżiku minn fejn il-prodotti jitilqu mill-Unjoni jew ħdejh. Imbagħad il-prodotti jiċċaqalqu taħt is-sorveljanza tas-sistema ta' tranżitu tal-NCTS lejn il-post tal-ħruġ. It-tranżitu jiġi rilaxxat bħala riżultat ta' messaġġ tar-riżultati ta' tranżitu mibgħut mill-Uffiċċju tad-Destinazzjoni għall-Uffiċċju tat-Tluq. Dan huwa kkunsidrat bħala faċilitazzjoni tal-kummerċ għax jippermetti t-trasport tal-prodotti lejn hub ċentrali taħt il-proċedura ta' esportazzjoni, l-għeluq ta' din il-proċedura, ir-raggruppament li jseħħ wara u l-esportazzjoni taħt il-proċedura ta' tranżitu.

Madankollu, il-perċezzjonijiet aggregati tal-partijiet ikkonċernati juru li din mhix soluzzjoni sodisfaċenti. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda bażi ġuridika ċara fil-leġiżlazzjoni tas-sisa għall-użu ta' proċedura ta' tranżitu wara l-proċedura tal-esportazzjoni, u l-oġġetti ttrasportati b'dan il-mod, minn perspettiva legali, huma rilaxxati għall-konsum b'mod mhux regolari jekk il-proċedura ta' esportazzjoni korrispondenti tingħalaq meta tibda l-proċedura tat-tranżitu, jiġifieri, qabel ma l-oġġetti jitilqu fiżikament mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea.

Mis-27 Stat Membru, 11 irrappurtaw li l-kombinazzjoni ta' proċedura tal-esportazzjoni segwita minn proċedura ta' tranżitu kkawżat problemi. Tali proċedura tirrikjedi għeluq bl-idejn tal-moviment tal-EMCS jew, fi wħud mill-Istati Membri, l-għeluq tal-proċedura tal-esportazzjoni u b'hekk l-EMCS tiġi attivata awtomatikament malli jibda t-tranżitu, minkejja li l-prodotti jkunu għadhom jiċċaqalqu minn post għal ieħor fl-Unjoni Ewropea taħt il-proċedura tat-tranżitu. L-informazzjoni fl-EMCS m'għadhiex preċiża, peress li

[17] It-tranżitu huwa proċedura speċjali doganali li tippermetti s-superviżjoni kompjuterizzata għall-moviment tal-prodotti bl-użu tal-NCTS minn post wieħed (it-tluq) għal ieħor (id-destinazzjoni) fi ħdan it-territorju doganali tal-Unjoni. It-tranżitu huwa normalment użat biex jiċċaqalqu prodotti mhux tal-Unjoni minn post fejn il-prodotti jidħlu fl-Unjoni Ewropea għal post fejn ikun iktar konvenjenti biex il-prodotti jiġu kklerjati għaċ-ċirkolazzjoni libera. Din il-possibbiltà hija koperta mil-leġiżlazzjoni dwar is-sisa. Barra minn hekk, fil-prattika, l-esportazzjoni tal-prodotti xi kultant tiġi mitmuma qabel ma l-prodotti jitilqu mill-UE u s-superviżjoni tiġi mgħoddija għat-tranżitu. Il-proċeduri speċjali doganali qabel kienu jissejħu "proċeduri jew arranġamenti sospensivi tad-dwana" fil-Kodiċi Doganali Komunitarju

[18] Normalment l-uffiċċju doganali tal-ħruġ hu l-post ta' awtorità doganali fil-fruntiera, fil-port jew fl-ajruport, jew qrib tagħhom, li jiċċertifika li l-prodotti jkunu ħarġu mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u li għalhekk l-esportazzjoni tal-prodotti tkun tlestiet. L-Artikolu 329 tal-Att ta' Implimentazzjoni tal-KDU jippermetti postijiet oħra fi ħdan it-territorju li jtiqiesu bħala uffiċċju tal-ħruġ, u b'hekk ilesti l-esportazzjoni qabel ma l-prodotti fiżikament joħorġu mit-territorju. Dan jista' jew ma jistax jagħlaq awtomatikament l-EMCS, skont l-Istat Membru.

bħalissa l-prodotti jitilqu mill-Unjoni Ewropea biss hekk kif titlesta l-proċedura ta' tranżitu.

40 % tar-rispondenti li esportaw il-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa rrappurtaw li jużaw din il-proċedura (45 % ma użawhiex, u 15 % ma kinux jafu jekk din il-proċedura tintużax). Huma elenkaw il-vantaġġi fir-rigward tal-ħin u l-ispejjeż iffrankati u t-titjib fil-kapaċità tal-monitoraġġ. Iżda huma nnutaw ukoll li kien hemm problemi f'termini ta' koordinazzjoni ta' informazzjoni fil-proċeduri tas-sisa u ta' tranżitu. Proċeduri li jiġbru flimkien proċedura tal-esportazzjoni ma' proċedura tat-tranżitu għall-esportazzjoni ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa ħolqu problema għal 26 % tar-rispondenti li użawhom.

3.2.3. Rilevanza

Il-Kapitoli III u IV tad-Direttiva 2008/118/KE:

19-il Stat Membru ħassew (qablu jew qablu bis-sħiħ) li għad hemm ħtieġa għall-EMCS f'pajjiżhom, minkejja l-iżvilupp ta' ċerti tipi ta' frodi. Stat Membru wieħed biss ma qabilx, filwaqt li l-bqija tar-rispondenti wieġbu li ma kinux jafu, jew la qablu u lanqas ma qablux. Il-ħtieġa li l-EMCS tiġi kkonfermata mill-Istati Membri u n-negozjanti li jsejħu għat-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-EMCS, sabiex tinkludi żjut lubrikanti u tabakk mhux maħdum ħalli tiġi evitata l-frodi. L-Istati Membri esprimew il-ħtieġa ta' analiżi tal-ispeċifikazzjonijiet funzjonali tal-EMCS u li jkompli l-iżvilupp tagħha li jkun jinkludi l-awtomatizzazzjoni ta' "movimenti bid-dazju mħallas". Huma nnutaw li din l-evoluzzjoni fit-tipi ta' frodi ma tnaqqasx il-bżonn tal-EMCS iżda li l-EMCS teħtieġ li tissaħħaħ. Ġie rikonoxxut li kwalunkwe bidla fl-EMCS li jiġu proposti, jenħtieġ li jilħqu bilanċ bejn "il-prevenzjoni tal-frodi u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ", sabiex jiġu massimizzati l-benefiċċji tal-EMCS.

16-il Stat Membru minn 27 qablu li r-riżultati simili marbuta mal-ġlieda kontra l-frodi ma setgħux jinkisbu mingħajr l-azzjoni tal-UE (jiġifieri permezz ta' inizjattiva nazzjonali, bilaterali jew internazzjonali).

Il-Kapitolu V tad-Direttiva 2008/118/KE

Il-Kummissjoni temmen li hemm ħtieġa kontinwa għal qafas xieraq għall-Unjoni kollha għall-moviment tal-prodotti bejn in-negozji taħt il-proċedura ta' dazju mħallas, sabiex tiġi evitata tassazzjoni doppja. Madankollu, il-Kummissjoni ssostni l-konklużjoni tal-Istati Membri u tan-negozjanti li l-arranġamenti tad-dazju mħallas fil-Kapitolu V mhumiex effettivi u effiċjenti biżżejjed.

3.2.4. Valur miżjud tal-UE

Għan-negozjanti, il-benefiċċji prinċipali tas-sistema EMCS komuni relatati ma' tnaqqis fil-ħin meħtieġ biex jipproċessaw dokumenti tas-sisa, il-kapaċità li jsegwu l-movimenti (kemm għall-konsenjatur kif ukoll għall-konsenjatarju), u l-faċilitazzjoni ta' verifika u kontroll permezz ta' dokumentazzjoni għall-moviment ta' kwalità ogħla u iktar effiċjenti.

B'mod ġenerali, l-arranġamenti attwali jipprovdu qafas ċar u konsistenti dwar iż-żamma u l-moviment tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa. Hemm għadd limitat ta' oqsma fejn l-interpretazzjonijiet differenti mill-Istati Membri jwasslu għal varjazzjonijiet fir-regoli nazzjonali u joħolqu inċertezza għan-negozjanti. Pereżempju, ir-regoli dwar ir-responsabbiltà għal dazju tas-sisa f'każ ta' skarsezza attwalment huma sors ta'

konfużjoni u jenħtieġ li jiġu ċċarati. Mekkaniżmi ta' komunikazzjoni disponibbli bejn in-negozjanti u l-awtoritajiet kompetenti meta jkun hemm sitwazzjonijiet eċċezzjonali jridu jittejbu, permezz tal-użu ta' funzjonalità eżistenti jew l-iżvilupp ta' funzjonalità ġdida.

Regoli uniformi għall-EMCS huma essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern. L-armonizzazzjoni tal-aċċess tal-EMCS billi jingħataw definizzjonijiet komuni għall-operaturi awtorizzati li jżommu u jċaqalqu oġġetti taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa tkompli tikkontribwixxi għal dan. Ġeneralment, dawn l-arranġamenti jiżguraw li l-ambitu għall-kundizzjonijiet diskriminatorji fl-Istati Membri differenti kien limitat. Anke jekk il-kompetenza li tawtorizza lin-negozjanti li jkollhom u li jċaqalqu l-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa tibqa' waħda nazzjonali, ftit li xejn hemm evidenza ta' xi ostakli sinifikanti għall-aċċess għas-suq.

In-negozjanti rrapportaw li l-benefiċċji ewlenin tal-EMCS huma marbutin mal-ħila li jiġu segwiti l-movimenti (kemm għall-konsenjatur kif ukoll għall-konsenjatarju), u b'hekk ikun aktar faċli li jawditjaw l-attivitajiet tagħhom stess, u li jimmonitorjaw l-effikaċja u l-effiċjenza tal-arranġamenti tagħhom stess fl-ilħuq tal-obbligi fiskali.

B'mod ġenerali, l-amministrazzjonijiet u n-negozjanti ħassew li l-vantaġġi ta' azzjoni komuni fil-livell Ewropew fir-rigward ta' tranżazzjonijiet bejn negozju u ieħor (B2B) kienu limitati minħabba n-nuqqas ta' ċarezza legali u teknika u varjazzjonijiet nazzjonali. Fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, l-arranġamenti attwali ma kellhom l-ebda valur miżjud tal-UE jew żgħar minħabba n-nuqqas ta' armonizzazzjoni. Xi negozjanti ekonomiċi rrappurtaw li l-arranġamenti kienu ta' piż jew saħansitra ta' piż akbar mill-arranġamenti tal-esportazzjoni tal-prodotti lejn pajjiżi terzi.

Oqsma fejn aktar armonizzazzjoni tista' tkun utli huma koperti fit-Taqsima 4

4. KWISTJONIJIET LI JEĦTIĠILHOM AKTAR ATTENZJONI

It-titjib suġġerit jista' jinkiseb bl-emenda ppjanata fid-Direttiva 2008/118/KE u r-regolamenti ta' implimentazzjoni tagħha kif previst fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni.

4.1. Awtorizzazzjonijiet

Id-Direttiva 2008/118/KE tistabbilixxi definizzjoni komuni fil-livell tal-UE tat-tipi differenti ta' negozjant awtorizzat li jżomm u jċaqlaq il-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju. Dawn id-definizzjonijiet għandhom jikkontribwixxu għal qafas ċar u konsistenti dwar iż-żamma u l-moviment tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa, u jiġi żgurat trattament indaqs tan-negozji.

Ir-rekwiżiti għall-awtorizzazzjonijiet għaż-żamma u l-moviment tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u għas-simplifikazzjonijiet ivarjaw bejn l-Istati Membri. Ir-rekwiżiti għall-awtorizzazzjonijiet huma kumplessi. Dan jista' joħloq ostakoli għan-negozjanti u b'hekk fil-proċess ta' applikazzjoni jinħela iktar ħin milli jkun meħtieġ. Pereżempju, meta n-negozjanti ġew mistoqsija dwar ir-regoli għall-kalkolu ta' garanziji ta' awtorizzazzjoni[19], ħafna operaturi qalu li ma kinux jafu x'kienu dawn (24 %). Filwaqt li ġiet analizzata skont l-Istat Membru, id-dejta wriet li l-operaturi mill-istess pajjiżi, li

[19] Il-garanziji, jekk jintalbu, għandhom ikopru r-riskju inerenti fil-produzzjoni, fl-ipproċessar u fiż-żamma tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa. Dawn jiġu ttrattati fil-livell nazzjonali.

joperaw fl-istess settur, xi drabi ngħataw informazzjoni kontradittorja. Pereżempju, operaturi attivi fil-Ġermanja (l-Istat Membru bl-akbar parteċipazzjoni fl-istħarriġ) iddikjaraw li l-garanziji tal-maħżen tagħhom ġew ikkalkolati abbażi tal-fatturat annwali (34 %), abbażi tad-dħul mill-bejgħ ta' kull xahar (3 %), abbażi tar-responsabbiltà annwali tas-sisa (16 %) u abbażi tar-responsabbiltà mensili tas-sisa (21 %). Dan jissuġġerixxi li xi wħud mir-rekwiżiti u d-dispożizzjonijiet huma kumplessi ħafna.

Il-kumplessità biex wieħed jaċċessa u jifhem id-dispożizzjonijiet ġiet enfasizzata wkoll fl-istudji tal-każijiet. Il-partijiet ikkonċernati minn erba' Stati Membri rrappurtaw li n-negozjanti spiss ma kinux jippreżentaw applikazzjonijiet kompluti, li kienu jeħtieġu aktar xogħol mhux neċessarju għall-awtoritajiet kompetenti.

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-operaturi jridu jippreżentaw kemm garanzija ta' moviment sabiex jiġi żgurat id-dejn tas-sisa għall-moviment u garanzija ta' awtorizzazzjoni biex tkopri l-attivitajiet ta' maħżen tat-taxxa jew il-konsenjatur u l-konsenjatarju reġistrati. Il-garanziji jiġu ttrattati fil-livell nazzjonali. In-negozjanti kkunsidraw dawn tal-aħħar bħala piżijiet sinifikanti, minkejja l-fatt li t-tnaqqis u l-eżenzjonijiet ta' garanziji huma implimentati b'mod wiesa' sabiex isostnu lil operaturi iżgħar fid-daqs, prodotti partikolari u operaturi konformi mat-taxxa. L-eżenzjonijiet huma permessi biss f'ċirkostanzi speċifiċi stabbiliti fid-Direttiva 2008/118/KE.

4.2. It-trattament ta' skarsezzi, eċċessi, eċċezzjonijiet oħra u l-ġlieda kontra l-frodi[20]

Minn meta l-istudju ta' evalwazzjoni tlesta, il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea tat sentenza fuq l-Artikoli 10 u 20 tad-Direttiva li tiċċara, fost affarijiet oħra, meta l-moviment ikun intemm[21]. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20(2) tad-Direttiva, billi jiddikjaraw meta jintemm il-moviment tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju tas-sisa, ifittxu li jiddefinixxu l-mument li fih dawn il-prodotti jitqiesu li ġew rilaxxati għall-konsum u jiddefenixxu meta t-taxxa fuq dawn il-prodotti ssir pagabbli. Saħansitra dan huwa aktar importanti f'każijiet fejn jinstabu l-iskarsezzi fil-mument tal-konsenja ta' prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa. Madankollu, il-proċedura biex isiru t-talbiet għal iskarsezzi mhix ċara. Klejms kontra n-negozjanti huma koperti mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/24/UE[22] (Id-Direttiva ta' Rkupru), iżda l-użu tal-istrumenti pprovduti mid-Direttiva ta' Rkupru jvarjaw bejn l-Istati Membri. F'xi każijiet dawn mhumiex użati kompletament. Ma hemm ebda bażi ċara li tgħaqqad l-istrumenti għall-irkupru mal-istabbiliment preċedenti tar-responsabbiltà tad-dazju tas-sisa. L-ispeċifikazzjonijiet tal-EMCS[23] jipprovdu mezz ta' komunikazzjoni bejn l-Istati Membri u n-negozjanti biex jistabbilixxu liema obbligazzjonijiet jista' jkun hemm, iżda din il-

[20] Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok ara: "Evaluation of current arrangements for the holding and moving of excise goods under excise duty suspension" pp 75-87.

[21] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-28 ta' Jannar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Bundesfinanzhof — il-Ġermanja) — BP Europa SE vs Hauptzollamt Hamburg-Stadt (il-Kawża C-64/15) ĠU 2016/C 106/11.

[22] Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra, ĠU L 84/1, 31.3.2010.

[23] L-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt tal-EMCS huma dokumenti li jiddeskrivu r-rekwiżiti tas-sistema EMCS ċentralment u nazzjonalment u kif dawk ir-rekwiżiti jintlaħqu kollha f'livell għoli (l-hekk imsejħa L-Ispeċifikazzjonijiet tas-Sistemi tas-Sisa Funzjonali jew FESS) u deskrizzjoni aktar dettaljata qiegħda f'għadd ta' dokumenti differenti.

faċilità ftit li xejn tintuża. L-EMCS tipprovdi wkoll messaġġ għal talba ta' dazju li għandu jintbagħat mill-Istati Membri li qed jikklejmjawh mill-Istat Membru tad-Dispaċċ li hu responsabbli għall-ġestjoni tal-garanzija, iżda anki dan il-messaġġ jintuża rarament, jekk qatt jintuża.

Uħud min-negozjanti lmentaw li dawn ma jistgħux jemendaw id-dettalji tad-dokument amministrattiv elettroniku (e-AD) wara li jkun ġie aċċettat mill-Istat Membru tad-Dispaċċ, li jwassal għal tilwim dwar il-kwantitajiet u d-dazju tas-sisa pagabbli. Il-konsenjatur jista' jibgħat ir-rapport tal-avveniment tal-EMCS lill-Istat Membru tad-Dispaċċ filwaqt li jindika l-iżball. Madankollu, l-għan ewlieni ta' dan ir-rapport tal-avveniment huwa li jippermetti lin-negozjanti li jirrappurtaw l-inċidenti ewlenin li jseħħu matul moviment u bħalissa din il-possibbiltà ftit li xejn tintuża. Fl-2014 biss, intbagħtu 1 160 rapport ta' avvenimenti bejn l-Istati Membri, jew bejn wieħed u ieħor 0,04 % taż-2,95 miljun moviment tal-EMCS magħmula f'dik is-sena. Madankollu ma hemm l-ebda obbligu ta' rappurtar legali.

Il-bidla fid-destinazzjoni wara ċ-ċaħda jew ir-rifjut[24] ta' kunsinna: L-Istati Membri qablu fi grupp ta' esperti li, meta l-prodotti jkunu miċħuda jew rifjutati, il-konsenjatur għandu joħroġ rapport ta' bidla fid-destinazzjoni biex il-kunsinna tintbagħat lura lejn il-post tat-tluq jew lejn konsenjatarju ġdid. Dan jenħtieġ li jsir obbligu legali. Ikun hemm aktar titjib li kieku l-konsenjatur jiġi obbligat li jieħu azzjoni ta' segwitu fil-każ li jintbagħat messaġġ ta' ċaħda jew rifjut. Ġew ippreżentati żewġ suġġerimenti biex jitnaqqsu dawn il-problemi: l-ewwel nett, l-ispeċifikazzjonijiet għandhom ikunu sostnuti minn obbligu legali li jinbagħtu messaġġi ta' ċaħda u ta' rifjut u t-tieni, jenħtieġ li tinħoloq bażi legali sabiex messaġġ ta' ċaħda jew rifjut jiġi awtomatikament segwit minn bidla tad-destinazzjoni lura lill-konsenjatur.

Ġeneralment wieħed jifhem li l-EMCS naqqset il-frodi. Il-problemi ewlenin identifikati mill-Istati Membri kienu d-dħul ta' ħinijiet eċċessivament twal ta' vjaġġi minn negozjanti u nuqqas ta' ċerta dejta fl-e-AD, bħalma huma s-sjieda tal-oġġetti fil-post tad-dispaċċ u tad-destinazzjoni, li tista' tgħin fl-analiżi tar-riskju.

4.3. Proċeduri ta' koordinazzjoni bejn id-dwana u s-sisa

Kif issemma aktar 'il fuq, għadd kbir ta' movimenti mhux magħluqa fil-każ tal-esportazzjoni indiretta ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa għadu kwistjoni ta' tħassib. Bażi legali ċara għal tranżitu u armonizzazzjoni aħjar tar-regoli għat-trattament tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa jistgħu jkunu utli wkoll

4.4. Proċeduri ta' dazju mħallas immirati lejn Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju

L-arranġamenti għal movimenti ta' prodotti b'dazju mħallas bejn il-kumpaniji, ta' interess partikolari għall-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, ma jiffunzjonawx tajjeb, u huma sors ta' piż amministrattiv u spejjeż ta' konformità għoljin għan-negozjant kif ukoll sors potenzjali ta' frodi. Dokumenti bbażati fuq il-karti għandhom jintbagħtu lura fl-Istat Membru tad-dispaċċ. Huwa biss mal-wasla biss ta' dan id-dokument li tkun tista' tingħata rifużjoni fl-Istat Membru tad-dispaċċ. Dokumenti bbażati fuq karti jistgħu

[24] F'dan il-kuntest "ċaħda" ta' kunsinna tirreferi għal deċiżjoni mill-konsenjatarju li ma jaċċettax il-kunsinna tal-prodotti li jkunu fil-post tad-dispaċċ, jew li qegħdin jiċċaqalqu mill-post tad-dispaċċ. "Rifjut" tirreferi għal deċiżjoni li ma taċċettax prodotti li jaslu f'post ta' destinazzjoni.

potenzjalment jintużaw frawdolentement diversi drabi minħabba li m'hemmx limitu ta' żmien legali biex jintbagħtu lura.

L-arranġamenti għall-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa huma saħansitra agħar billi l-użu ġeneralizzat tar-rappreżentanti fiskali jagħmel in-negozju kummerċjali leġittimu mhux vijabbli. Madankollu, il-Kummissjoni tipproponi li ssolvi l-problema biss meta jkun hemm qbil fuq One stop shop tal-VAT għall-bejgħ mill-bogħod. L-abolizzjoni tal-uniku rappreżentant fiskali ma tnaqqasx il-piż għan-negozjanti peress li jeħtieġu wkoll li jirreġistraw għall-VAT fl-Istat Membru tal-konsum.

5. KONKLUŻJONIJIET U SEGWITU

Fid-dawl tas-sejbiet taż-żewġ studji u tal-evalwazzjoni SWD(2017)131, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin:

L-arranġamenti għaż-żamma u l-moviment tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa ma għandhomx joħolqu distorsjoni fil-kompetizzjoni, ifixklu l-moviment liberu ta' dawn il-prodotti fi ħdan l-UE, u tali arranġamenti lanqas ma għandhom jostakolaw il-ġbir tat-taxxa jew jiffaċilitaw il-frodi fiskali.

B'mod ġenerali, l-arranġamenti attwali dwar iż-żamma u l-moviment tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa jaħdmu b'mod effettiv u effiċjenti, u b'mod li ma setgħux inkisbu mingħajr l-azzjoni fl-Unjoni kollha. Madankollu hemm xi kwistjonijiet li għad iridu jiġu solvuti, b'mod partikolari l-koordinazzjoni tal-proċeduri tas-sisa u tad-dwana, fejn hemm livelli sinifikanti ta' inċertezza legali u fini konsiderevoli għat-titjib tal-koordinazzjoni ta' proċeduri tekniċi. Fl-aħħar nett, filwaqt li l-introduzzjoni tal-EMCS għas-superviżjoni tal-movimenti tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa tgħin biex jitjieb il-ġbir tad-dazju tas-sisa, hemm għadd ta' bidliet legali u tekniċi possibbli li jkomplu jnaqqsu l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi.

L-arranġamenti għaċ-ċaqliq tal-prodotti diġà rilaxxati għall-konsum fi Stat Membru ieħor huma ħafna inqas sodisfaċenti: l-arranġamenti attwali huma ineffiċjenti u insuffiċjenti biex jipprovdu għall-moviment liberu ta' prodotti li huma soġġetti għas-sisa u potenzjalment miftuħa għall-evażjoni tat-taxxa u l-frodi. Din hija kwistjoni partikolari għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju, li jagħmlu l-aħjar użu ta' dawn l-arranġamenti. L-użu tal-EMCS se jissimplifika l-proċeduri tad-dazju mħallas fuq dan it-tip ta' kummerċ, jagħmel ir-regoli aktar trasparenti u ċari u jippermetti lin-negozjanti jirkupraw b'mod faċli u malajr id-dazju mħallas fl-Istat Membru tad-dispaċċ.

Segwitu:

(1) Il-Kummissjoni ser teżamina l-possibbiltà ta' titjib legali u tekniku fit-trattament tal-irregolaritajiet u l-immaniġġar tal-klejms mill-Istati Membri

(2) Il-Kummissjoni se teżamina jekk ikunx utli li jiġi propost reġim ta' piż iżgħar minn dak tas-sistema tal-EMCS jew tal-SAAD għall-moviment tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa b'livell baxx ta' riskju fiskali, bħal spirtu metilizzat, aromatizzanti, fwejjaħ u ċerti prodotti tal-enerġija

(3) Il-Kummissjoni se teżamina bidliet legali u tekniċi fl-arranġamenti użati għas-sorveljanza tal-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu ta' prodotti tas-sisa

(4) Il-Kummissjoni se tanalizza l-awtomatizzazzjoni parzjali jew sħiħa tal-arranġamenti tad-dazju mħallas B2B bil-ħsieb li jitnaqqas il-piż amministrattiv u l-ispejjeż tal-konformità fuq in-negozjanti u l-Istati Membri

(5) Il-Kummissjoni se tfittex triq ’il quddiem għat-titjib tal-arranġamenti tal-bejgħ transkonfinali li jsir mill-bogħod ta’ prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa.

Il-Kummissjoni se tieħu kont ta’ dawn il-konklużjonijiet fit-tħejjijiet tagħha għar-reviżjoni tad-Direttiva kif stabbilit fil-Programm ta’ Ħidma tal-Kummissjoni 2017 (COM(2016) 710 final, l-ANNESS 2). Tali reviżjoni ser tinvolvi t-twettiq ta’ konsultazzjoni pubblika u Valutazzjoni tal-Impatt.